32001R2492

L 337/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 20.12.2001

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2492/2001

tad-19 ta' Diċembru 2001

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1445/95 dwar ir-regoli ta' l-applikazzjoni għal-liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni fis-settur taċ-ċanga u l-vitella.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas suq tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella [1], kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2345/2001 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 29(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2789/98 [3], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1204/2001 [4] jagħti deroga temporanja sal-31 ta' Diċembru 2001 mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/95 [5], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 24/2001 [6].

(2) In vista tal-kondizzjonijiet ekonomiċi diffiċli li wieħed jiltaqa' magħhom fl-esportazzjonijiet taċ-ċanga u l-vitella u l-esperjenza miksuba b'riżultat tad-derogi mogħtija, ċerti kondizzjonijiet li ġew rilassati temporanjament fir-rigward tal-perjodu tal-validità tal-liċenzi ta' l-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10(5) tar-Regolament (KE) Nru 1445/95 għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0202, għandhom isiru permanenti. Dawk il-kondizzjonijiet għandhom għalhekk jiġu inklużi fir-Regolament (KE) Nru 1445/95.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1445/95 qed jiġi emendat kif ġej:

1. L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 8(1) qed jinbidel b'dan li ġej:

"Il-perjodu tal-validità tal-liċenzi għall-esportazzjonijiet ta' prodotti li għalihom tintalab rifużjoni u li jkunu soġġetti għall-ħruġ ta'liċenza ta' l-esportazzjoni iffissata bil-quddiem għandu jkun:

— ta' ħames xhur b'żieda tax-xahar kurrenti għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0102 10 u ta' 75 jum għal prodotti li jaqgħ taħt il-kodiċijiet MN 0102 90 u 1602,

— ta' 60 jum għal prodotti oħra,

mid-data tal-ħruġ fis-sens ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 (*).

(*) ĠU L 152, ta' l-24.6.2000, p. 1."

2. L-ewwel sentenza u l-ewwel parti tat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 10(5) qed jinbidlu b'dan li ġej:

"Minkejja l-paragrafu 1, l-applikazzjonijiet għall-liċenzi għal kwantità li ma tiskorrix it-22 tunnellata metrika ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0201 u 0202 m'għandhomx ikunu suġġetti għal dewmien ta' ħamest ijiem. F'dan il-każ, minkejja l-Artikolu 8, il-validità tal-liċenzi maħruġa għandha tkun ristretta għal ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-ħruġ fis-sens ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, u l-applikazzjonijiet u l-liċenzi għandu jkollhom in-nota li ġejja fil-kaxxa 20:".

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu jgħodd għal liċenzi ta' l-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni mill-1 ta' Jannar 2002.

[1] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21.
[2] ĠU L 315, ta' l-1.12.2001, p. 29.
[3] ĠU L 347, tat-23.12.1998, p. 33.
[4] ĠU L 163, ta' l-20.6.2001, p. 13.
[5] ĠU L 143, tas-27.6.1995, p. 35.
[6] ĠU L 3, tas-6.1.2001, p. 9.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kumissjoni